StudentBounty.com

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-*JUNIOR LYCEUM* U**
**L-ISKOLA SEKONDARJA 2009**

Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni
Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**Il-ĦAMES SENA STUDJI SOĊJALI (*Option*) ĦIN: Siegħa u Tliet Kwarti**

**Isem:** ______________________________ **Klassi:** ______________

**Taqsima A**

Wieġeb fil-qosor għal dawn il-mistoqsijiet ġenerali kollha li ġejjin:

1. X'tifhem bil-kelma *devjant*? Agħti **ŻEWĠ** eżempji ta' kultura devjanti mis-soċjetà li ngħixu fiha llum. (3 marki)

2. X'jiġifieri meta ngħidu *stratifikazzjoni soċjali*? Spjega dan it-terminu billi tagħti eżempju **WIEĦED** kif fis-soċjetà tagħna jista' jkun hemm din l-istratifikazzjoni. (3 marki)

3. Fisser kif il-Gvern ta' pajjiż jista' jgħin fl-iżvilupp tal-*welfare* soċjali? (2 marki)

4. Agħti **TLIET** eżempji ta' msieħba soċjali mis-soċjetà Maltija li wkoll jistgħu jkunu ta' appoġġ għall-*welfare* soċjali. (3 marki)

5. Agħti **ŻEWĠ** eżempji ta' pajjiżi tat-Tielet Dinja. Għaliex dawn jissejħu hekk? (3 marki)

6. X'inhuma *riżorsi naturali*? Kif jista' l-użu ta' dawn jaffettwa lill-ambjent ta' madwarna? Fisser it-tweġiba tiegħek billi tagħti eżempju lokali. (3 marki)

7. X'tifhem bit-terminu *s-settur tas-servizzi* fl-ekonomija ta' pajjiż? Semmi eżempju **WIEĦED** minn Malta kif dan is-settur qed jingħata attenzjoni kbira. (3 marki)

**Total: 20 marka**

**Taqsima B**

Aqra din is-silta li ġejja u wieġeb il-mistoqsijiet **kollha** f'mhux anqas minn **40** kelma kull waħda.

*L-Ewropa ta' spiss qed tesperjenza każijiet ta'* ***atti ta' diskriminazzjoni****, li dejjem qegħdin jiżdiedu, kontra* ***gruppi ta' minoranza****. Il-gvernijiet tal-pajjiżi differenti għandhom id-dmir u r-responsabbiltà li jadottaw miżuri biex jipproteġu d-drittijiet ta' kull individwu. Insibu li ħafna mill-istituzzjonijiet tal-Istat, partiti politiċi u l-midja, jitfgħu t-tort fuq gruppi ta' minoranza meta jkunu qed jitkellmu dwar il-problemi tal-Istat.*

*Minħabba* ***l-globalizzazzjoni*** *qed naraw li persuni llum għandhom il-faċilità li jivvjaġġaw, jaħdmu u jgħixu f'pajjiżi Ewropej. Naraw ukoll li f'ċerti oqsma sseħħ l-****esklużjoni soċjali*** *speċjalment ma' gruppi li jkunu marru f'dak il-pajjiż biex isibu ħajja aħjar.*

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

***Għaqdiet mhux governattivi**, il-gvern u l-midja għandhom jaħdmu id f'id biex jipp solidarjetà u jaħdmu sabiex **id-diversità** tkun ta' vantaġġ għall-pajjiżi, fejn kulħadd ikoll jipparteċipa b'mod ugwali.*

**Mistoqsijiet**

1. Agħti tifsira ta' dan il-kliem u saħħaħ it-tweġiba tiegħek billi tagħti eżempju **WIEĦED** fuq kull wieħed.
   a. gruppi ta' minoranza
   b. globalizzazzjoni
   ċ. esklużjoni soċjali
   d. għaqdiet mhux governattivi
   e. diversità (5 x 2 = 10 marki)

2. Semmi **ŻEWĠ** atti ta' diskriminazzjoni li seħħew f'dawn l-aħħar mitt sena fid-dinja u kkummenta dwar l-effetti li ħallew fuq il-popolazzjonijiet differenti. (4 marki)

3. Spjega kif id-diversità tista' tkun ta' vantaġġ għall-pajjiżi. (4 marki)

4. Spjega permezz ta' **ŻEWĠ** eżempji kif gruppi ta' persuni emarġinati jistgħu jiġu integrati fis-soċjetà bl-għajnuna tal-gvern u l-individwu. (4 marki)

5. Agħti **TLIET** eżempji ta' għajnuna li qed jagħtu l-għaqdiet mhux governattivi fil-qasam tad-diversità. (3 marki)

6. Semmi **TLIET** effetti pożittivi u **ŻEWĠ** effetti negattivi li l-globalizzazzjoni ħalliet fuq id-dinja. (5 marki)

**Total: 30 marka**

**Taqsima Ċ**

Aqra din is-silta li ġejja u wieġeb il-mistoqsijiet **kollha** f'mhux anqas minn **30** kelma kull waħda.

*Fis-sena 1994 il-Ġnus Magħquda sejħet 'il-familja bħala l-iżgħar demokrazija fi ħdan is-soċjetà. Diffiċli biex wieħed jimmaġina soċjetà fejn ma teżistix xi forma ta' familja, u llum insibu diversi forom differenti ta' familja.*

*Il-familja estiża tradizzjonali kienet maħkuma minn attività agrikola, fejn kulħadd kien irid jagħti sehmu. Illum ħafna familji huma nukleari u fid-dinja industrijalizzata hawn it-tqassim tax-xogħol. B'hekk ħafna mir-rwoli tal-familja ħaduhom istituzzjonijiet oħra fis-soċjetà. Mill-familja nieħdu s-soċjalizzazzjoni primarja, u iżjed tard nieħdu wkoll soċjalizzazzjoni sekondarja permezz tas-soċjeta' li ngħixu fiha.*

*Fl-1993 il-Parlament Malti għadda liġi importanti ħafna tal-familja, msejsa fuq prinċipji ta' ugwaljanza u sħubija. Għalhekk il-familja saret simetrika, fejn id-drittijiet u r-responsabbiltajiet jinqasmu ndaqs bejn il-mara u r-raġel u l-omm u l-missier.*

(Test meħud minn G. Baldacchino: *Ninvestigaw is-Soċjetà*)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Mistoqsijiet**

1. Għaliex taħseb li Ġnus Magħquda sejħet 'il-familja bħala l-iżgħar demokrazija fi ħ[illegible] soċjetà? Kemm taħseb li l-familja tal-lum hija verament demokratika? Agħti eżem[illegible] WIEĦED biex tipprova t-tweġiba tiegħek. (5 marki)

2. Uri d-differenza bejn *familja estiża* u *familja nukleari*. (4 marki)

3. Semmi **ŻEWĠ** fatturi soċjali li wasslu biex il-familja Ewropea tiċkien ħafna fid-daqs. (2 marki)

4. X'inhi d-differenza bejn aġent primarju tas-soċjalizzazzjoni u aġent sekondarju tas-soċjalizzazzjoni? (4 marki)

5. Fisser għaliex bil-mod il-mod il-familja Ewropea, kif ukoll dik Maltija, qed tonqos milli tkun l-aġent tas-soċjalizzazzjoni primarja. (5 marki)

6. Għaliex fil-passaġġ t'hawn fuq il-familja hija msejħa *istituzzjoni*? (5 marki)

**Total: 25 marka**

**Taqsima D**

Ikteb madwar 300 kelma fuq WIEĦED minn dawn:

1. Illum il-ġurnata nitkellmu fuq tliet setturi ekonomiċi. Liema huma dawn is-setturi? Agħti TLIET eżempji ta' kull wieħed minnhom. Fit-tweġiba tiegħek tkellem ukoll kif dawn is-setturi flimkien jikkontribwixxu għall-Prodott Gross Domestiku tal-pajjiż.

2. Malta llum tifforma parti minn dik li tissejjaħ il-Familja Ewropea. Dan għaliex fl-2004 Malta saret tifforma parti mill-Unjoni Ewropea. X'inhi għalik l-Unjoni Ewropea u kif taħseb li s-sħubija ta' Malta fl-UE wessgħet id-dimensjoni politika, ekonomika u soċjali ta' pajjiżna?

3. Iddiskuti fid-dettal il-vantaġġi u l-iżvantaġġi li ħolqu l-kompjuter u l-internet fis-soċjetà tagħna. Illum li qed ngħixu fis-seklu 21, taħseb li ż-żgħażagħ jistgħu jgħixu mingħajr it-teknoloġija tal-informatika u għaliex?

4. L-anzjani jiffurmaw madwar kwart tal-popolazzjoni Maltija. Dan x'effett jista' jkollu f'perjodu twil fuq is-soċjetà Maltija?

**Total: 25 marka**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers